MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru. 571/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**

**Gordon Dimech**

**Gordon D imech ta' 30 sena mwieled il-Pieta nhar l-1 ta' Gunju, 1977 bin Samuel u Annie nee` Cucciardi residenti gewwa 56 San Gejtanu Triq San Gwann Hamrun detentur tal-Karta ta' l-identita Nru. 300577M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Dimech u cioe' talli fl-9 ta' Lulju, 2007, ghall-haba ta' 1.40am gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ikkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur ta' WPC68

Leanne Aquilina mill-Fgura u dan ai terminu tal-Art. 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ikkommetta reat waqt li qied fl-operat ta' sentenza sospiza b'sentenza mghotija mill-Magistrat Dottor Padovani Grima LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu:

Ikkunsidrat;

Illi il-Qorti fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti tirrileva illi fi kwalunkwe kaz mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni gie sodisfacatament ippruvat illi l-imputat ikkommetta l-attentat vjolenti fuq il-pudur tal-kuntistabbli WPC68 Lean Aquilina ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu bil-gurament cahad illi huwa ghamel dak li bih huwa akkuzat. Il-Qorti ghalhekk tosserva illi fil-fatt f'dan l-istadju l-imputat ammetta l-akkuzi , huwa qieghed jiddikjara illi fil-fatt ghamel dak kollu li bih huwa akkuzat.

Illi dwar il-piena l-Qorti ghalhekk sejra tieghu in konsiderazzjoni dana l-fatt izda madanakollu fid-dawl tal-fedina penali ta' l-imputat u fid-dawl ta' dak kollu sottomess fit-trattazzjoni orali li saret mill-partijiet jidher li l-imputat ghandu bzonn ta' rijabilitazzjoni mill-vizzji tieghu tax-xorb u vizzji ohra relatati ma' l-azzjonijiet li bihom illum jinsab akkuzat, aktar u aktar tenut kont tax-xoghol illi huwa jaghmel bhala taxi driver.

Il-Qorti ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 207, 383(1), (2), (3) u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti ghar-rigward tas-sentenza sospiza mghotija b’sentenza tal-Qorti tal-Magistati kif preseduta mill-Magistrat Dottor Jaqueline Padovani Grima esebita a fol. 38 tal- process u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B(1) (2)(b) qeghda testendi l-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza u cioe` il-perjodu ta’ tlett (3) xhur prigunerija mghoti f’dik is-sentenza qed jigi sospiz ghal tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed turbot lill-hati b’garanzija personali ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500) li huwa bl-ebda mod ma javvicina jew ikellem lill-WPC68 Leane Aquilina ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikser l-ordni ta’ probation imposta fuqu illi kif ukoll jekk jikkommetti rat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti qeghda tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lill-Ufficjal tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------